# Rakkont Iddetaljat Dwar Personalita' Miż-Żejtun - *Xjentist Żejtuni*

*Prof. David Mifsud BSc. MSc., PhD., FRES., FLS., MOM.*

**Ħajja personali**

It-13 ta' Diċembru 2016 jibqa jum importanti għall-Professur David Mifsud u l-familja tiegħu, għax proprju f'dan il-jum David ġie mgħoti il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala mertu għax-xogħol li wettaq fil-qasam tax-xjenzi bioloġiċi, b'mod partikolari fl-entomoloġija u l-preservazzjoni tan-naħal.

Twieled fid-19 ta' Lulju fl-1971, David trabba u għadu jgħix sal-lum ġewwa iż-Żejtun flimkien ma' martu Stephania u ż-żewġ uliedu, Andre' u Steve. Il-ġenituri ta' David, missieru Joe u ommu Lina it-tnejn twieldu, trabbew u għadhom jgħixu wkoll ġewwa iż-Żejtun. Kellhom żewġ ulied, David il-kbir u oħtu Carmen, li rabbew b'għożża kbira fejn minn kmieni ħeġġuhom sabiex iħaddnu valuri tajbin filwaqt li qatt ma naqsu li jipprovdulhom edukazzjoni tajba.

**Edukazzjoni**

David ingħata l-edukazzjoni tiegħu ġewwa l-iskola primarja taż-Żejtun u kompla l-istudji sekondarji ġewwa l-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta.

Minn ċkunitu David wera interess kbir fin-natura u tista' tgħid li ħafna mill-ħin liberu tiegħu kien jgħaddih ġewwa l-ġnien li jinsab fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Hemm kien josserva mill-qrib il-ħajja tal-insetti li kien jiltaqa' magħhom jimirħu ġewwa l-ġnien. Il-kurżita biex ikun jaf aktar dwar il-ħajja ta' dawn l-għexieren ta' insetti ikkuluriti, ta' kull għamla u daqs, qanqlitu biex jibda l-istudji tiegħu fix-xjenzi bioloġiċi. Kif temm is-sekondarja fis-sena 1987, David beda jattendi il-Liċeo Ġian Frangisk Abela ġewwa l-Msida. Hemmhekk għamel sentejn jipprepara ruħu għall-eżamijiet f'livell Avvanzat. Kien proprju hawn li taħt il-gwida tas-Sur Gwido Lanfranco, David ħejja ruħu għal eżami fil-livell Avvanzat fiż-Żoologija. Kienet l-uniku darba li din l-istituzzjoni offriet dan is-suġġett fil-livell Avvanzat u David ħaddan din l-okkażjoni unika b'sodisfazzjon kbir. Kien ukoll f'dan iż-żmien li David beda jitgħallem jiġbor insetti differenti minn ħafna widien u postijiet naturali tal-gżejjer Maltin. Wara kien jieħu ħsieb jibbalzma dawn l-insetti kif meħtieġ, filwaqt li jiddokumenta sa l-inqas dettal ta' informazzjoni fuq kull insett. Dan kien żmien mill-isbaħ għal David għax beda jiskopri ħafna affarijiet ġodda u ma kienitx faċli għalih biex kull ħaġa li jsib jipprova wkoll jidentifika, iżda bil-għajnuna tal-kotba u ta' ħafna kollegi tiegħu, speċjalment dawk barranin li kienu jgħinuh u b'hekk qatt ma qata' qalbu.

Fis-sena 1990 David kompla l-istudji akkademiċi fil-bioloġija u l-kimika ġewwa l-Università ta' Malta u fis-sena 1993 temm l-istudji tiegħu b'suċċess fejn iggradwa fil-Baċellerat fix-Xjenzi fil-Bioloġija u l-Kimika. David kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-Università ta' Malta, fejn 1997 iggradwa fil-Masters fix-Xjenzi fil-Bioloġija. Fiż-żmien li kien qiegħed jistudja għall-Masters, kien involut ukoll f'xogħol mal-organizzazzjoni dinjija, Food Agricultural Organization (FAO), sabiex jissaħħu l-kontrolli ta' kwarantina tal-gżejjer Maltin.

Dan kien proġett kbir fejn attendew bosta esperti barranin, u David tgħallem affarijiet li kienu ġodda għalih fosthom tip ta' insetti qerrieda u invażivi. F'dan iż-żmien ukoll ingħata borża ta' studju li wasslitu għal diploma fl-istudji tal-entomoloġija fejn segwa riċerka ġewwa l-Mużew tal-Istorja tan-Natura f'Londra.

Kien f'dan iż-żmien li David iltaqa ma ħafna esperti minn kull rokna tad-dinja li bħalu kienu jistudjaw gruppi differenti ta' insetti, riċerkaturi li baqa' jikkollabora magħhom sal-ġurnata tal-lum.

Ftit żmien qasir wara, David ingħata l-opportunita li jistudja għad-dottorat fl-istudji bioloġiċi ġewwa l-Università' ta' Basel kif ukoll f'università oħra Amerikana. David għażel li jistudja ġewwa Basel, u flimkien ma martu rħewlha għall-Isvizzera. B'determinazzjoni kbira fis-sena 2001 temm b'suċċess id-Dottorat fiż-Żooloġija fejn għamel teżi fuq grupp ta' insetti li qatt ma kienu ġew studjati fid-dinja. Insetti li jissejħu Psillidi li jgħixu fit-tropiċi tal-Asja u l-Afrika.

Fl-istess żmien, żewġ soċjetajiet ġewwa l-Ingilterra ippremjawħ b'żewġ unuri għall-istudji li wettaq fuq is-suġġett relatat mar-riċerka li kien qiegħed iwettaq, u tawħ l-opportunita li jagħmel aktar studji fil-Mużew tan-Natura ġewwa Londra.

**Tagħlim**

David jiddistingwi ruħu fil-qasam tax-xjenza bijoloġika, b'mod partikolari fl-entomoloġija u l-preservazzjoni tan-naħla Maltija u tista' tgħid li minn kmieni beda jxerred it-tagħlim fuq dan is-suġġett f'diversi ċentri li nsibu madwar Malta.

Bejn is-sena 1993 u 1996 David beda jagħti lekċers fiż-Żooloġija, fuq il-kontroll tal-bioloġija u l-kimika ġewwa id-Dipartiment tal-Agrikoltura, u fis-sena 1998 beda jaħdem bħala lekċerer partajm ġewwa l-Kulleġġ Ġian Franġisk Abela fejn għallem is-suġġett tal-Bioloġija fl-livell Avvanzat. Mis-sena 2007 sa 2013 beda jgħallem bħala Lekċerer fl-istess Kulleġġ u mis-sena 2001 beda wkoll jgħallem fil-Fakultà tax-Xjenza ġewwa l-Università ta' Malta.

Bejn is-sena 2004 u 2010 kien wieħed mill-għalliema partajm ġewwa l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenzi u t-Teknoloġija, (MCAST) fejn ta lekċers fuq it-trobbija u ż-żamma tan-naħal, il-kwalità tal-għasel, u l-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ.

David jagħti diversi lekċers fl-laqgħat pubbliċi ta' diskussjoni iffokati fuq it-trobbija tan-naħal u l-produzzjoni tal-għasel, fejn jitkellem fuq l-interazzjoni tal-insetti mal-pjanti.

Bejn is-sena 2011 u 2012 ġewwa l-Università il-Qadima, il-Belt Valletta (Valletta Campus), David ta lekċers fuq il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi ambjentali fuq livell ta' Masters, lil studenti minn James Madison University, Virginia, Amerika, filwaqt li ġewwa l-bini ta' Heritage Malta, jagħti lekċers fuq il-ġestjoni integrata tal-insetti li jeqirdu l-pjanti, lil studenti mill-University of London. David għamel qabża oħra fil-karriera tiegħu akkademika meta fis-sena 2013 ingħata rwol ta' Lekċerer mad-dipartiment, 'Crop Sciences and Food Technology' fl-Istitut tas-Sistemi tad-Dinja ġewwa l-Universita' ta' Malta.

David huwa wkoll superviżur fuq teżijiet ta' studenti li jistudjaw f'diversi dipartimenti ġewwa l-Universita' ta' Malta, kif ukoll ma universitajiet barranin, fejn anke xi drabi ikun eżaminatur.

**Esperjenza tax-xogħol, riċerka u passatempi**

Bħala esperjenza ta' xogħol tista' tgħid li David għandu bil-qabda. Beda jaħdem bħala tekniku fis-sena 1990 ġewwa laboratorju fid-dipartiment tal-Edukazzjoni fejn kompla jwettaq xogħol ta' konsultazzjoni fuq l-ambjent ta' pajjiżna kif ukoll fuq l-entomoloġija f'diversi dipartimenti oħra. Fis-sena 1993 beda jagħmel xogħol ta' uffiċjal xjentifiku fl-entomoloġija ġewwa l-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Għammieri. Fis-sena 2002 beda jmexxi tim ta' entomoloġisti sabiex jiddokumentaw ilfuq minn 500 speċi ta' insetti endemiċi ġewwa ġżiritna, liema proġett tlesta fis-sena 2005. David ħadem wkoll fuq proġett ieħor simili mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ambjentali.

David għamel 4 snin fir-rwol ta' espert nazzjonali mal-programm DAISIE (Delivering Alien Invasive Species Inventories for Europe), iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Fis-sena 2013, bħala delegat mar-Rettorat ta' l-Universita' ta' Malta, David beda jikkordina l-kors fuq suġġetti relatati max-xjenza fiċ-@entru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi, fejn għadu sal-lum membru tal-bord ta' studji.

David huwa l-president tas-Soċjeta Entomoloġika ta' Malta fejn għadu jżomm il-kariga sal-lum. Din is-Soċjetà twaqqfet proprju fis-sena 2002 bil-għan li xxerred għarfien fuq l-istudju tax-xjenza u l-interess tal-istudji tal-insetti li jinsabu f'pajjiżna.

David irsista sabiex is-soċjetà tippubblika ġurnal xjentifiku Malti, u proprju fis-sena 2008 ġie ippublikat l-ewwel volum ta' dan il-ġurnal li jġib l-isem 'Bulletin of the Entomological Society'. Il-ġurnal jittratta riċerka fl-entomoloġija, liema riċerka miksuba mill-istudji li b'kordinazzjoni kbira jwettqu l-entomoloġisti lokali flimkien ma dawk barranin. Dan il-ġurnal intlaqa' tajjeb kemm mill-komunità ta' xjenzati Maltin kif ukoll dawk barra minn xtutna, fejn s'issa sab postu ġewwa 60 (1) istituzzjonijiet xjentifiċi madwar id-dinja.

Bil-ħila u l-ħidma ta' dan il-ġurnal ġew ippublikati aktar minn 130 (2) artiklu xjentifiku b'tagħrif dwar 'ilfuq minn 1,500 (3) speċi ta' insetti li proprju jinsabu fl-Arċipelagu Malti. Fi tmien volumi ippubblikati s'issa, David irnexxilu jaħdem b'kordinazzjoni kbira flimkien ma 'lfuq minn 95 xjentist minn pajjiżi differenti, fuq insetti eżistenti f'pajjiżna. Insibu li David huwa wkoll l-editur ta' dan il-ġurnal xjentifiku li tippubblika is-Soċjetà.

David tul il-karriera tiegħu iddeskriva għall-ewwel darba madwar 60 (4) speċi ta' insett ġdid għax-xjenza, b'uħud mill-ispeċi insibuhom proprju f'pajjiżna.

David ippubblika s'issa madwar 200 (5) artiklu xjentifiku bil-parti il-kbira tagħhom jittrattaw il-bijodiversita' f'Malta. Mill-istudji li wettaq, huwa iddokumenta aktar minn 1,800 (6) organiżmu ħaj fejn insibu li 600 (7) minn dawn l-ispeċi kienu ġodda għall-gżejjer Maltin. Diversi insetti misjuba minn David li kienu ġodda għax-xjenza ġew imsemmija proprju għalih, fosthom insibu it-tip ta' ħanfusa endemica għall-gżejjer Maltin li jisimha Amaurops mifsudi.

David huwa wkoll il-fundatur tal-Malta Beekeeping Association u l-ħidma tiegħu kienet strumentali biex tikkordina laqgħat bejn l-assoċjazzjonijiet Ewropej dwar it-trobbija tan-naħal u l-Kummissarji Ewropej, liema laqgħat servew sabiex ġie ipprojbit l-użu tal-inseticida li jagħmel ħafna ħsara lin-naħla.

Huwa iddedika ħafna ħin minn ħajtu għall-istudju u r-riċerka intensiva fuq l-insetti fejn offra kontribut kbir fl-istudji dwar il-kriżi tat-tnaqqis fil-popolazzjoni tan-naħla Maltija.

Għamel snin membru u president ta' bordijiet tal-Gvern, u insibu li fis-sena 1994 beda bħala segretarju tal-pestiċidi tal-Bord Konsultattiv Malti, filwaqt li kien membru fil-Kumitat ta' kordinazzjoni fuq il-bijo-sigurezza u l-kummissjoni dwar is-sigurtà tal-ikel, f'isem il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Fis-sena 2006 kien maħtur membru fil-kumitat xjentifiku u tekniku fuq kwarantina tal-pjanti, fi ħdan il-Kummissjoni xjentifika għall-kontroll tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm u fis-sena 2013 nħatar president tal-bord għall-protezzjoni tal-pjanti, fejn għadu jżomm dawn il-karigi sal-ġurnata tal-lum. David huwa wkoll membru ta' diversi soċjetajiet u assoċjazzjonijiet tal-entomoloġija u tkabbir tan-naħal kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi barranin, bħal Franza, l-Italja, l-Ingilterra, l-Ġermanja, Spanja, l-Svizzera, u r-Repubblika @eka.

L-istudji tiegħu ħaduh ġewwa mużewijiet, istituzzjonijiet u dipartimenti f'diversi pajjiżi minn madwar id-dinja u nsibu li l-ewwel konferenza li ippartecipa fiha kienet ħaditu ġewwa l-Olanda. Diversi drabi żar aktar minn żewġ pajjiżi differenti fi ftit xhur, insibu li uħud mill-ħafna postijiet li żar kienu Londra, l-Marokk, @ipru, s-Sirja, t-Tuneżija, Franza, l-Ungerija, kif ukoll il-Ġermanja.

Esperjenza oħra li ħaditu 'lbarra minn xtutna kienet ġewwa l-Vjetnam u n-Nepal fejn għamel xhur jaħdem fuq xogħol ta' riċerka fuq friefet li jgħixu fil-foresti tropikali ta' dawn il-postijiet. Dan il-proġett kien imsemmi Butterflies of Vietnam.

Ir-riċerka wasslet lil David biex jippartecipa f'diversi konferenzi, seminars u kungressi internazzjonali, saħansitra ingħata anke taħriġ minn diversi universitajiet barranin.

Il-kompetenza tiegħu wasslitu ukoll biex wettaq konsultazzjonijiet ma' bijoloġisti u riċerkaturi barranin, fejn ippreżenta diversi taħditiet fuq l-insetti u t-trobbija tan-naħal f'diversi ibliet barra minn Malta. Proprju din is-sena David ippartecipa fi proġett kbir bl-isem ta 'SMARTBEES (Sustainable management of resilient bee populations), liema proġett kien iffinanzjat mill-Unjoni Ewropej, fejn irnexxilu jlaqqa' ġewwa Malta madwar 45 xjentist li jispeċjalizżaw fuq l-istudji tan-naħal.

David għandu għal qalbu ħafna it-trobbija tan-naħal li tista' tgħid hija waħda mill-passatempi favoriti tiegħu, kif ukoll l-għawm fix-xhur sħan tas-sajf. Dilettant ukoll tal-għasir tal-inbid u l-hena tiegħu ikun imdawwar mal-familja u l-ħbieb. David sikwit jorganizza attivitajiet għal ġbir ta' fondi għall-karità u ma nistgħax ma nsemmix li ħafna mill-ħin liberu jgħaddih fil-widien li nsibu ġewwa pajjiżna.

*Referenzi:*
*(1) Entomological Society of Malta (ESM). Retrieved from http://hpsp2014xom.ipage.com/esm/*
*(2) The National Order of Merit : Investiture ceremony (2016)*
*(3) The National Order of Merit : Investiture ceremony (2016)*
*(4) The National Order of Merit : Investiture ceremony (2016)*
*(5) Mifsud, D. (2017). Intervista. Malta:*
*(6) Mifsud, D. (2017). Intervista. Malta:*
*(7) The National Order of Merit : Investiture ceremony (2016)*




*Nifirħu lil ...*

## Francesca Mifsud

Nifirħu minn qalbna liż-Żejtunija li rebħet il-kuntest tal-'Best Model of the World (Malta) 2016', biex issa tirrappreżenta lil pajjiżna fil- 2016 f'Istambul, it-Turkija.